



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 24 ta' Awwissu 2022
(OR. en)

11877/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0244(NLE)

PECHE 290

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	24 ta' Awwissu 2022
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	COM(2022) 415 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-KUNSILL li jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd għall-2023 għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku, u li jemenda r-Regolament (UE) 2022/109 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd f'ibħra oħrajn

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 415 final.

Mehmuż: COM(2022) 415 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.8.2022
COM(2022) 415 final

2022/0244 (NLE)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd għall-2023 għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku, u li jemenda r-Regolament (UE) 2022/109 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd f'ibħra oħrajn

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

F'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ dwar il-Politika Komuni tas-Sajd (ir-“Regolament Bażiku tal-PKS”), l-isfruttament tar-riżorsi bijoloġiċi ħajjin tal-baħar irid jirrestawra u jżomm il-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet maqbuda 'l fuq minn livelli li jistgħu jipproduċu r-rendiment massimu sostenibbli (“MSY”). Għodda importanti f'dan ir-rigward hija l-iffissar annwali ta' opportunitajiet tas-sajd fil-forma ta' qabdiet totali permissibbli (TAC) u kwoti.

Ir-Regolament (UE) 2016/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill² li jistabbilixxi l-pjan pluriennali (MAP) għall-Baħar Baltiku jispeċifika wkoll il-meded tal-mortalità mis-sajd fil-mira. Dawn il-meded jintużaw f'din il-proposta biex jintlaħqu l-objettivi tal-politika komuni tas-sajd (PKS) u b'mod partikolari biex jintlaħaq u jinżamm l-MSY.

Din il-proposta għandha l-għan li tiffissa l-opportunitajiet tas-sajd tal-Istati Membri għall-2023 għall-aktar stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut kummerċjalment importanti fil-Baħar Baltiku. Din il-proposta għandha wkoll l-għan li tirregola s-sajd rikreattiv tal-baħar sal-punt meħtieġ biex jiġu kkonservati l-istokkijiet tal-ħut koperti minn dan ir-regolament. Sabiex jiġu ssimplifikati u ċċarati d-deċiżjonijiet annwali dwar it-TAC u l-kwoti, l-opportunitajiet tas-sajd fil-Baħar Baltiku ilhom li ġew iffissati minn regolament separat mill-2006.

• Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika

Il-proposta tistabbilixxi l-kwoti f'livelli konsistenti mal-objettivi tar-Regolament Bażiku tal-PKS.

• Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni

Il-proposta hija konformi mal-objettivi u r-regoli tal-PKS, u hija konsistenti mal-politika tal-Unjoni dwar l-iżvilupp sostenibbli.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZZJONALITÀ

• Bażi legali

L-Artikolu 43(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

² Ir-Regolament (UE) 2016/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-merluzz, l-aringi u l-laċċ ikħal fil-Baħar Baltiku u s-sajd li jisfrutta daww l-istokkijiet, li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2187/2005 u li jirrevoka r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1098/2007 (ĠU L 191, 15.7.2016, p. 1).

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-proposta taqa' taħt il-kompetenza esklussiva tal-Unjoni kif imsemmi fl-Artikolu 3(1)(d) tat-TFUE. Għalhekk, il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità għar-raġunijiet ta' hawn taħt.

Il-PKS hija politika komuni. Skont l-Artikolu 43(3) tat-TFUE, il-Kunsill irid jadotta miżuri dwar l-iffissar u l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd.

Din il-proposta għal Regolament tal-Kunsill talloka l-opportunitajiet tas-sajd lill-Istati Membri. Skont l-Artikolu 16(6) u (7) u l-Artikolu 17 tar-Regolament Bażiku dwar il-PKS, l-Istati Membri huma liberi li jallokaw tali opportunitajiet fost ir-reġjuni jew l-operaturi skont il-kriterji stabbiliti f'dawk l-Artikoli. Għalhekk, l-Istati Membri għandhom biżżejjed lok biex jimmanuvraw meta jiġu biex jiddeċiedu dwar il-mudell soċjali/ekonomiku ppreferut tagħhom għall-użu tal-opportunitajiet tas-sajd allokati tagħhom.

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni finanzjarja ġdida għall-Istati Membri. Il-Kunsill jadotta dan it-tip ta' regolament kull sena, u l-mezzi pubbliċi u privati biex jiġi implimentat huma diġà fis-seħħ.

- **Għażla tal-istrument**

Strument proposit: regolament.

Din hija proposta għall-iffissar u għall-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd abbażi tal-Artikolu 43(3) tat-TFUE.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Abbażi tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni *Lejn sajd aktar sostenibbli fl-UE: is-sitwazzjoni attwali u l-orjentazzjonijiet għall-2023* (COM(2022) 253 final), ġie kkonsultat il-Kunsill Konsultattiv tal-Baħar Baltiku. Il-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) ipprova l-bażi xjentifika għall-proposta. Il-fehmiet preliminari espressi mill-partijiet ikkonċernati dwar l-istokkijiet tal-ħut kollha kkonċernati tqiesu kemm jista' jkun mingħajr ma kkontradixxew il-politiki attwali jew mingħajr ma kkawżaw xi deterjorament fl-istat tar-riżorsi vulnerabbli.

F'Ġunju 2022, ġie diskuss ukoll parir xjentifiku dwar il-limitazzjonijiet tal-qabdiet u l-istatus tal-istokkijiet mal-Istati Membri fil-forum reġjonali BALTFISH.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Saret konsultazzjoni mal-ICES, li huwa organizzazzjoni xjentifika.

L-Unjoni titlob pariri xjentifiċi dwar l-istat tal-istokkijiet ta' ħut importanti mill-ICES kull sena. Il-parir riċevut ikopri l-istokkijiet kollha tal-Baltiku u jiġu proposti TACs għall-aktar stokkijiet kummerċjalment importanti³.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-proposta hija parti minn approċċ fit-tul fejn is-sajd jiġi aġġustat u jinżamm f'livelli sostenibbli fit-tul. Dan l-approċċ huwa mistenni li maż-żmien jirriżulta fi pressjoni tas-sajd stabbli, kwoti oġġla u, għalhekk, introjtu mtejjeb għas-sajjieda u għall-familji tagħhom. Iż-żieda fil-ħatt l-art hija mistennija li tkun ta' benefiċċju għall-industrija tas-sajd, għall-konsumaturi, għall-industrija tal-ipproċessar u tal-bejgħ bl-imnut, kif ukoll għall-bqija tal-industrija relatata mas-sajd kummerċjali u rikreattiv. F'dan il-kuntest, u b'mod partikolari għall-Baħar Baltiku, jeħtieġ li tiġi enfasizzata r-rabta bejn sajd sostenibbli u ambjent tal-baħar b'saħħtu. L-Istrateġija għall-Bijodiversità u l-inizjattivi relatati, b'mod partikolari l-Pjan ta' Azzjoni li jmiss għas-sajd u l-ambjent tal-baħar, huma għodod biex jintlaħaq dan l-oġġettiv.

Sal-2019, id-deċiżjonijiet dwar l-opportunitajiet tas-sajd fil-Baltiku rnexxielhom iġibu l-mortalità mis-sajd għall-istokkijiet b'parir dwar l-MSY f'konformità mal-meded tal-MSY fil-mument tal-iffissar tat-TAC għall-istokkijiet kollha, ħlief għall-aringi tal-Baltiku tal-Punent. Apparentament, dawn id-deċiżjonijiet rnexxielhom ukoll jibnu mill-ġdid l-istokkijiet u jibbilanċjaw mill-ġdid il-kapaċità tas-sajd u l-opportunitajiet tas-sajd. Madankollu, fl-2019, sar evidenti li l-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant kien taħt pressjoni qawwija. L-ICES jistma li dan l-istokk probabbilment se jibqa' jonqos fis-snin li ġejjin. Fl-2021 sar evidenti li l-istokk tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Punent fil-fatt kien ukoll taħt livelli sostenibbli (jiġifieri taħt B_{lim}) għal ħafna snin, u l-ICES issottolinja li diversi popolazzjonijiet tas-salamun huma dgħajfa ħafna. Fl-aħħar nett, mill-2020, il-bijomassa tal-aringa tal-Baltiku ċentrali kienet taħt livelli b'saħħithom (jiġifieri taħt $B_{skattatur}$) u, fl-2022, l-aringa tal-Bothnia resqet qrib ħafna ta' dak il-limitu. Għalhekk, għad hemm bżonn ta' aktar progress biex jinbnew mill-ġdid l-istokkijiet kollha u biex dawn jinġiebu f'konformità mal-MSY.

L-ICES ippubblika l-parir xjentifiku tiegħu għall-istokkijiet tal-Baltiku fil-31 ta' Mejju 2022, ħlief għall-parir tiegħu għall-aringa tal-Baltiku tal-Punent, li ġie ppubblikat fit-30 ta' Ġunju 2022. L-ICES jistma li l-bijomassa tal-aringa tal-Baltiku tal-Punent u dik tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant u tal-Punent għadha taħt il-limiti bijoloġiċi sikuri. Il-bijomassa tal-aringa tal-Baltiku ċentrali għadha taħt il-limiti b'saħħithom. Il-bakkaljaw u s-salamun tal-Baltiku tal-Lvant fil-Golf tal-Finlandja jirċievu parir ta' prekawzjoni. It-tmien stokkijiet li jifdal jirċievu parir dwar l-MSY:

- il-laċċa kaħla, l-aringa fil-Golf ta' Riga u l-barbun tat-tbajja' jinsabu f'livelli b'saħħithom;
- l-aringa fil-Golf ta' Bothnia naqset għal ftit 'il fuq mil-livelli b'saħħithom; u
- l-bakkaljaw tal-Punent, l-aringa tal-Baltiku tal-Punent u l-aringa tal-Baltiku ċentrali jinsabu taħt il-livelli b'saħħithom;
- id-diversi popolazzjonijiet tas-salamun fil-baċir ewlieni għadhom f'kundizzjonijiet differenti ħafna.

Meta jitqies dak li ntqal hawn fuq, huwa propost li jiġu ttrasferiti: (i) l-opportunitajiet tas-sajd għas-salamun fil-Golf tal-Finlandja; (ii) l-approċċ reġjonalizzat meħud għas-salamun fil-baċir ewlieni; u (iii) t-TACs ta' qabdiet aċċessorji għall-aringa tal-Baltiku tal-Punent u għall-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Punent u tal-Lvant. Il-proposta żżid l-opportunitajiet tas-sajd għall-aringa ċentrali b'14 % u għall-barbun tat-tbajja' b'25 %. Il-proposta tnaqqas l-opportunitajiet

³ <http://www.ices.dk/advice/Pages/Latest-Advice.aspx>.

tas-sajd għall-aringa fil-Golf ta' Bothnia bi 28 %, għall-aringa fil-Golf ta' Riga b'4 % u għall-
laċċa kaħla b'20 %.

Għalhekk, l-impatt ekonomiku tal-proposta għall-2023 se jkun tnaqqis fl-opportunitajiet tas-
sajd għall-Istati Membri kollha. Kollox ma' kollox, il-proposta twassal għal livell ta' bejn
wiehded u ieħor 402 000 tonnellata għall-opportunitajiet tas-sajd fil-Baltiku, li jirrappreżentaw
tnaqqis ta' 15,6 % meta mqabbla mal-opportunitajiet tas-sajd fl-2022.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Il-proposta għadha flessibbli fl-applikazzjoni tal-mekkaniżmi għall-iskambju tal-kwoti diġà
stipulati mir-regolamenti dwar l-opportunitajiet tas-sajd fil-Baħar Baltiku fis-snin preċedenti.
Ma hija proposta l-ebda regola ġdida jew proċedura amministrattiva ġdida għall-awtoritajiet
pubbliċi (nazzjonali jew tal-Unjoni) li tista' żżid il-piż amministrattiv.

Il-proposta tikkonċerna regolament annwali li japplika għall-2023 u, għalhekk, ma tinkludi l-
ebda klawżola ta' reviżjoni.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĖITARJI

Il-proposta ma għandhiex implikazzjonijiet għall-baġit tal-Unjoni.

5. ELEMENTI OĖRAJN

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-
evalwazzjoni u r-rapportar**

Il-monitoraġġ tal-użu tal-opportunitajiet tas-sajd fil-forma ta' TACs u kwoti ġie stabbilit bir-
Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Il-proposta tiffissa l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet jew gruppi ta' stokkijiet għas-
sajd tal-Istati Membri fil-Baħar Baltiku għall-2023.

Ir-Regolament (UE) 2016/1139 li jistabbilixxi l-pjan pluriennali (l-"MAP") għall-Baħar
Baltiku daħal fis-seħħ fl-20 ta' Lulju 2016. Il-MAP jistabbilixxi li l-opportunitajiet tas-sajd
iridu jiġu ffissati f'konformità mal-oġġettivi tiegħu u jridu jikkonformaw mal-meded tal-
mortalità mis-sajd fil-mira pprovduti fl-aqwa parir xjentifiku disponibbli, b'mod partikolari
mill-ICES jew minn korp xjentifiku indipendenti simili. Għall-istokkijiet li jibbenefikaw minn
parir dwar l-MSY, l-Artikolu 4(3) tal-MAP jistabbilixxi li t-TAC fil-prinċipju għandha tiġi
stabbilita għal jew taħt il-mortalità mis-sajd li tirriżulta fl-MSY (jiġifieri "valur tal-punt tal-
F_{MSY}" u "medda inferjuri tal-F_{MSY}", rispettivament). Madankollu, skont l-Artikolu 4(4) tal-
MAP, it-TAC dejjem tista' tiġi stabbilita taħt il-meded tal-F_{MSY}. Skont il-kundizzjonijiet
stabbiliti fl-Artikolu 4(5) tal-MAP, it-TAC għall-istokkijiet b'saħħithom tista' tiġi stabbilita 'l
fuq mill-valur tal-punt tal-F_{MSY} ("medda superjuri tal-F_{MSY}"). Għal stokkijiet b'bijomassa taħt
limiti li jitqiesu b'saħħithom, jiġifieri l-punt ta' referenza tal-bijomassa tal-istokk riproduttiv li
taħtu jridu jittieħdu miżuri biex jerġa' jinbena l-istokk 'il fuq mil-livelli li kapaċi jipproduċu
MSY ("B_{skattatur}"), l-Artikolu 5(1) tal-MAP jipprovdi li għandhom jittieħdu miżuri ta' rimedju

xierqa biex jiġi żgurat ir-ritorn rapidu tal-istokk għal livelli b'saħħithom. B'mod partikolari, it-TAC trid tiġi stabbilita f'livell imnaqqas taħt il-medda superjuri tal- F_{MSY} , filwaqt li jitqies it-tnaqqis fil-bijomassa. Skont l-Artikolu 5(2) tal-MAP, jekk il-bijomassa ta' stokk tkun saħansitra taħt il-limiti bijoloġiċi sikuri, jiġifieri l-punt ta' referenza tal-bijomassa tal-istokk riproduttiv li taħtu l-istokk jista' jkollu kapaċità riproduttiva mnaqqsa (" B_{lim} "), għandhom jittieħdu miżuri ta' rimedju addizzjonali. B'mod partikolari, il-miżuri ta' rimedju jistgħu jinkludu s-sospensjoni tas-sajd immirat għall-istokk ikkonċernat u t-tnaqqis adegwat tal-opportunitajiet tas-sajd għal daww l-istokkijiet jew għal stokkijiet oħrajn fis-sajd. Jistgħu jiġu adottati wkoll miżuri ta' rimedju oħrajn, iżda dawn għandhom ikunu funzjonalment marbuta mal-opportunitajiet tas-sajd. L-għażla tal-miżuri għandha ssir f'konformità man-natura, mas-serjetà, mat-tul u mar-ripetizzjoni tas-sitwazzjoni.

Skont ir-Regolament Bażiku tal-PKS, l-opportunitajiet tas-sajd għall-istokkijiet li jirċievu parir ta' prekawzjoni jridu jiġu stabbiliti f'livelli li jiżguraw mill-inqas grad komparabbli ta' konservazzjoni. Il-Premessa 8 tar-Regolament Bażiku tal-PKS tiddikjara li d-deċiżjonijiet ta' ġestjoni relatati mas-sajd imħallat għandhom iqisu d-diffikultà tas-sajd tal-istokkijiet kollha f'sajd imħallat b' MSY fl-istess ħin, b'mod partikolari fejn parir xjentifiku jindika li jkun diffiċli ħafna li jiġi evitat il-fenomeni ta' "speċi bi kwota limitanti", billi tiżdied is-selettività tal-irkaptu tas-sajd użat.

L-opportunitajiet tas-sajd huma proposti f'konformità mal-Artikolu 16(1) (li jirreferi għall-prinċipju tal-istabbiltà relattiva) u mal-Artikolu 16(4) (li jirreferi għall-oġġettivi tal-PKS u għar-regoli previsti fil-pjanijiet pluriennali) tar-Regolament Bażiku tal-PKS.

Sabiex jiġu stabbiliti l-kwoti tal-Unjoni għall-istokkijiet kondiviżi mal-Federazzjoni Russa, il-kwantitajiet rispettivi ta' dawn l-istokkijiet tnaqqsu mit-TACs irrakkomandati mill-ICES. It-TACs u l-kwoti allokatil lill-Istati Membri huma stabbiliti fl-Anness għall-proposta.

Għall-aringi tal-Baltiku tal-Punent, id-daqs tal-istokk stmat mill-ICES żdied bi ftit iżda jibqa' biss fil-livell ta' 59 % ta' B_{lim} . L-ICES jistma li l-bijomassa se tibqa' taħt B_{lim} mill-inqas sal-2025, anki mingħajr l-ebda sajd. Ir-reklutaġġ ilu baxx għal ħafna snin u għadu f'livell storikament baxx. Billi l-ebda wieħed mix-xenarji ta' qbid ma jġib il-bijomassa ogħla minn B_{lim} fil-futur qrib, l-ICES itenni, għall-ħames sena konsekuttiva, il-parir tiegħu li jippermetti qabdiet żero. Fl-2021, il-Kunsill iddeċieda li jagħlaq is-sajd immirat ħliet għas-sajd purament xjentifiku u għas-sajd kostali fuq skala żgħira, skont l-Artikolu 5(2) u l-Artikolu 4(4) tal-MAP. Imbagħad, il-Kunsill iddeċieda wkoll li jistabbilixxi TAC għal qabdiet aċċessorji inevitabbli biex jiġi evitat li tipi oħrajn ta' sajd jiġu soġġetti għal kwoti limitanti. Minħabba li dawn il-miżuri ta' rimedju għad ma kellhomx iż-żmien biex jirriżultaw f' status tal-istokk imtejjeb, il-Kummissjoni tipproponi li s-sajd immirat jinżamm magħluq u li jinżamm il-livell tat-TAC.

Għall-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant, l-ICES għadu ma jistax jiddetermina l-valuri tal-medda tal- F_{MSY} . Għalhekk, huwa ħareġ parir ta' prekawzjoni għall-2023. Għar-raba' sena konsekuttiva, l-ICES jirrakkomanda li jkunu permessi qabdiet żero. L-ICES jistma li d-daqs tal-istokk għadu taħt B_{lim} u li se jibqa' taħtu fit-terminu medju, anki mingħajr l-ebda sajd. Barra minn hekk, l-ICES jistma li l-bijomassa bilkemm żdiedet fl-2021 u li r-reklutaġġ għadu f'livell storikament baxx. Minħabba s-sitwazzjoni tal-istokkijiet imnaqqsa, mill-2019 bdew jiġu adottati miżuri severi. Is-sajd immirat għall-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant ingħalaq, ħliet għas-sajd purament xjentifiku, u t-TAC hija limitata għall-qabdiet aċċessorji inevitabbli biex jiġi evitat li l-biċċa l-kbira tat-tipi l-oħrajn ta' sajd fil-Baħar Baltiku jiġu soġġetti għal kwoti limitanti. Ġew adottati aktar miżuri ta' rimedju funzjonalment relatati mal-opportunitajiet tas-sajd fil-forma ta' għeluq fiż-żmien riproduttiv li jkopri l-perjodu massimu ta' riproduzzjoni u ż-żoni potenzjali ta' riproduzzjoni. L-eċċezzjonijiet japplikaw għal sajd

purament xjentifiku, għal ċertu sajd kostali fuq skala żgħira bl-użu ta' rkaptu passiv, u għal sajd pelaġiku għall-konsum mill-bniedem imwettaq barra miż-żoni potenzjali ewlenin ta' riproduzzjoni. Barra minn hekk, is-sajd rikreattiv ilu pprojbit fiż-żona ta' distribuzzjoni ewlenija mill-2020, minħabba li l-kwantitajiet maqbuda jkunu sostanzjali meta mqabbla mat-TAC tal-qabdiet aċċessorji. Minħabba li dawn il-miżuri ta' rimedju għad ma kellhomx iż-żmien biex jirriżultaw fi status tal-istokk imtejjeb, il-Kummissjoni tippromponi li dawn jinżammu u li l-livell ta' TAC jinżamm kif inhu.

Għall-merluzz tal-Baltiku tal-Punent, l-ICES stima għal ħafna snin li l-istokk kien fraġli u d-daqs tiegħu taħt $B_{skattatur}$. Għalhekk, l-opportunitajiet tas-sajd tnaqqsu sostanzjalment u ġew adottati miżuri ta' akkumpanjament, bħall-għeluq fiż-żmien riproduttiv u r-restrizzjonijiet tas-sajd rikreattiv. Kull sena, kien imbassar li l-istokk jirkupra s-sena ta' wara, iżda sa issa, dan ma seħħx. Fl-2021, l-ICES innota li kien hemm inkonsistenzi sinifikanti fil-valutazzjonijiet preċedenti tiegħu. Għalhekk, huwa wettaq valutazzjoni aktar fil-fond. Din il-valutazzjoni wriet li l-istokk fil-fatt kien saħnsitra taħt B_{lim} għall-biċċa l-kbira tal-aħħar 10 snin. Għalhekk, l-ICES irrakkomanda li l-qabdiet totali jitnaqqsu b'mod sinifikanti. Il-Kunsill iddeċieda li jagħlaq is-sajd immirat, ħlief għas-sajd purament xjentifiku, u li jillimita t-TAC għal qabdiet aċċessorji inevitabbli biex jiġi evitat li tipi oħrajn ta' sajd jiġu soġġetti għal kwoti limitanti. Inżammu jew issaħħew il-miżuri ta' rimedju ulterjuri eżistenti funzjonalment relatati mal-opportunitajiet tas-sajd. L-għeluq fiż-żmien riproduttiv, li jkopri l-perjodu massimu ta' riproduzzjoni u ż-żoni potenzjali ta' riproduzzjoni, inżamm b'eċċezzjonijiet għal sajd purament xjentifiku, ċertu sajd kostali fuq skala żgħira bl-użu ta' rkaptu passiv, sajd pelaġiku għall-konsum mill-bniedem imwettaq barra miż-żoni potenzjali ewlenin ta' riproduzzjoni, u sajd bil-gangmi għall-molluski bivalvi f'ċerti ilmi jiet baxxi. Barra minn hekk, il-perjodu ta' għeluq fiż-żmien riproduttiv ġie estiż biex ikopri s-sajd rikreattiv. Barra minn dak il-perjodu, il-limitu tal-qabda għas-sajd rikreattiv tnaqqas għal ħuta waħda għal kull sajjied kuljum.

Fil-parir ta' din is-sena, l-ICES jiddikjara li r-reklutaġġ tal-2022 huwa stmat li huwa kemxejn ogħla milli kien fis-snin preċedenti. Madankollu, il-bijomassa tal-istokk kompliet tonqos u bħalissa hija biss 38 % tal- B_{lim} . Madankollu, il-parir dwar il-qabdiet għall-valur tal-punt tal- F_{MSY} huwa li jiżdiedu l-qabdiet totali (bħal fl-2021, l-ICES ma huwiex kapaċi jipprovdi parir separat dwar il-qabdiet għall-qabdiet kummerċjali u rikreattivi) u jistma li l-bijomassa se tkun ogħla minn B_{lim} fl-2024. Fl-istess ħin, l-ICES jenfasizza li t-tbassir tiegħu għal perjodu qasir huwa ferm aktar inċert mis-soltu, minħabba li l-mudell ta' valutazzjoni ma jikkunsidrax ċerti fatturi ta' mortalità (probabbilment sostanzjali) mhux magħrufa. Għalhekk, l-ICES jenfasizza li b'qabdiet fil-valur tal-punt tal- F_{MSY} , hemm riskju għoli li l-bijomassa fil-fatt tibqa' taħt B_{lim} fl-2024. Minħabba d-daqs baxx ħafna tal-istokk, il-kunsiderazzjonijiet tal-ICES u l-istorja tal-inċertezzji fil-valutazzjoni tal-istokk, il-Kummissjoni tippromponi li tiegħu approċċ prudenti billi żżomm il-livell tat-TAC u l-miżuri ta' rimedju attwali kif inhuma.

Fl-2020, l-ICES għamel stima li l-bijomassa tal-aringa tal-Baltiku Ċentrali kienet naqset taħt $B_{skattatur}$. Fl-2021, hija saħnsitra kompliet tonqos u qorbot lejn B_{lim} . L-opportunitajiet tas-sajd tnaqqsu sostanzjalment; l-istokk reġa' żdied, iżda għadu taħt $B_{skattatur}$. Ma kien hemm l-ebda reklutaġġ b'saħħtu mill-2015 u l-ixprunatur ewlieni għall-opportunitajiet tas-sajd attwali huwa s-saħħa tal-klassi tas-sena 2019. Madankollu, l-istima tal-klassi ta' din is-sena tvarja. Fl-2020, l-ICES għamel stima li l-klassi tas-sena 2019 kienet b'saħħitha, li s-sena li għaddiet kienet taħt il-medja u li din is-sena hija ogħla mill-medja. Abbażi ta' dan, l-ICES jirrakkomanda li l-opportunitajiet tas-sajd għandhom jiżdiedu sostanzjalment, filwaqt li jenfasizza li l-istokk jiddependi fuq klassi ta' sena waħda, li s-saħħa tagħha hija inċerta. Għalhekk, il-Kummissjoni tippromponi li jittieħed approċċ prudenti u li jiġu stabbiliti l-opportunitajiet tas-sajd fl-aktar punt baxx tal-medda tal- F_{MSY} , f'konformità mal-Artikolu 5(1) tal-MAP.

Il-valutazzjoni tal-aringa fil-Golf ta' Bothnia kienet soġġetta għal xi inċertezzi f'dawn l-aħħar snin. Il-bijomassa ilha tonqos kontinwament mill-2010. Fl-2019, l-ICES kellu jnaqqas il-parir tiegħu għall-parir ta' prekawzjoni tal-kategorija 3 tad-*data* tal-ICES minħabba preġudizzju retrospettiv qawwi. Wara xi xogħol fil-fond, l-ICES reġa' aġġorna l-parir għall-parir dwar l-MSY tal-kategorija 1 tad-*data* tal-ICES fl-2021. Huwa għamel stima li fl-aħħar nett il-bijomassa reġġet bdiet tiżdied u rrakkomanda li l-opportunitajiet tas-sajd jiżdiedu sostanzjalment. L-ICES issa jistma li l-bijomassa tal-istokk fil-fatt kienet ferm iżgħar fl-aħħar snin u naqset għal livell ftit oġhla minn $B_{skattatur}$. L-ICES jindika li dan l-iżvilupp huwa probabbli minħabba d-daqs dejjem jonqos tal-aringa, fenomenu diġà osservat għal xi żmien minn ċerti sajjieda kostali. Filwaqt li l-proporzjon tal-piż fl-età kien baxx għal dawn l-aħħar 15-il sena, huwa kompli jonqos fl-2021. L-uniku xenarju tal-qabdiet irrakkomandat mill-ICES li jżomm l-istokk 'il fuq minn $B_{skattatur}$ fl-2024 huwa l-aktar punt baxx tal-medda tal- F_{MSY} . Minħabba l-iżvilupp negattiv tal-istokk u biex jiġi evitat li l-istokk jaqa' taħt $B_{skattatur}$, il-Kummissjoni tipproponi li tistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd fl-aktar punt baxx tal- F_{MSY} .

Il-parir tal-ICES għall-aringa fil-Golf ta' Riga ma fih l-ebda restrizzjoni speċifika, għalhekk, it-TAC proposta hija l-valur tal-punt tal- F_{MSY} .

Skont l-ICES, il-bijomassa tal-laċċa kaħla hija b'saħħitha, iżda l-pressjoni tas-sajd tal-passat kienet oġhla minn F_{MSY} . Barra minn hekk, l-ICES jagħti parir li jiġu kkunsidrati l-interazzjonijiet bejn diversi speċijiet, minħabba li l-laċċa kaħla hija speċi importanti ta' magħlef għall-bakkaljaw. Għalhekk, il-Kummissjoni tipproponi li tistabbilixxi t-TAC fil-medda inferjuri tal- F_{MSY} , f'konformità mal-Artikolu 4(3) tal-MAP.

It-TAC għall-barbun tat-tbajja' hija taħlita ta': (i) il-parir dwar l-MSY għall-istokk fis-suddiviżjonijiet 21, 22 u 23; u (ii) l-parir dwar l-MSY għall-istokk fis-suddiviżjonijiet minn 24 sa 32, li din is-sena ġie aġġornat għall-parir dwar l-MSY tal-kategorija 2 tad-*data* tal-ICES. Iż-żewġ stokkijiet qegħdin jiżviluppaw tajjeb, iżda l-interazzjonijiet bejn id-diversi speċijiet għandhom jitqiesu. Il-bakkaljaw huwa qabda aċċessorja inevitabbli fis-sajd għall-barbun tat-tbajja', u l-livelli ta' qabdiet aċċessorji jistgħu jkunu sinifikanti, b'mod partikolari sakemm ma jintużawx irkapti tas-sajd aktar selettivi. Il-Kummissjoni tipproponi li l-opportunitajiet tas-sajd għaż-żewġ stokkijiet tal-bakkaljaw tal-Baltiku jinżammu f'livell baxx ħafna. Għalhekk, il-Kummissjoni tipproponi li tistabbilixxi t-TAC għall-barbun tat-tbajja' fil-medda inferjuri tal- F_{MSY} , f'konformità mal-Artikolu 4(3) tal-MAP.

Għal ħafna snin, l-ICES iddikjara li l-istatus tal-istokkijiet tax-xmajjar tas-salamun fil-Baħar Baltiku huwa eteroġenju ħafna, fejn uħud minnhom huma b'saħħithom, iżda oħrajn huma dgħajfa ħafna. Għas-salamun fil-baċir ewlieni, l-ICES kien jipprovdi parir dwar l-MSY; għas-salamun fil-Golf tal-Finlandja, parir ibbażat fuq l-approċċ żviluppat għall-istokkijiet b'*data* limitata. Wara valutazzjoni fil-fond tal-istokk, l-ICES iddeċieda li japplika dan l-approċċ għall-baċir ewlieni wkoll fl-2020. Wara aktar hídma, l-ICES reġa' pprova parir dwar l-MSY fl-2021. Madankollu, dan il-parir iddikjara għall-ewwel darba li l-qabdiet kummerċjali u rikreattivi kollha tas-salamun fil-baċir ewlieni, li huma tipi ta' sajd intrinsikament imħalltin li jaqdbu s-salamun minn stokkijiet b'saħħithom u dgħajfa tax-xmajjar, għandhom jitwaqqfu biex jiġu protetti l-istokkijiet dgħajfa tax-xmajjar. Madankollu, fl-istess ħin, l-ICES ikkunsidra wkoll li t-tkomplija tas-sajd immirat eżistenti fiż-żoni kostali tal-Golf ta' Bothnia u tal-Baħar Åland matul il-migrazzjoni tas-salamun fis-sajf xorta tkun ta' prekawzjoni. Għalhekk, il-Kunsill iddeċieda li jagħlaq is-sajd immirat għas-salamun fil-baċir ewlieni u li jistabbilixxi TAC ta' qabda aċċessorja għal qabdiet aċċessorji inevitabbli, b'eżenzjoni għal sajd purament xjentifiku, filwaqt li jżomm is-sajd immirat għas-salamun miftuħ matul il-perjodu tas-sajf f'dawk iż-żoni kostali tat-Tramuntana. Il-Kunsill adotta wkoll aktar miżuri ta' rimedju funzjonalment marbuta mal-opportunitajiet tas-sajd. Is-sajd bil-konzizzjoni lil hinn minn erba' mili nawtiċi mkejla mil-linji bażi kien ipprojbit. Barra minn hekk, fis-sajd rikreattiv,

japplika limitu tal-qabda ta' kuljum ta' salamuna bil-pinen maqtugħin waħda għal kull sajjied fejn u meta jingħalaq is-sajd kummerċjali mmirat. Għas-salamun fil-Golf tal-Finlandja, il-Kunsill stabbilixxa t-TAC skont il-parir ta' prekawzjoni tal-ICES. Fl-2022, minħabba l-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna, il-grupp ta' ħidma rilevanti tal-ICES ma setax jiltaqa' u l-ICES iddeċieda li jissokta bil-parir tiegħu għas-salamun fil-baċir ewlieni u bil-parir tiegħu għas-salamun fil-Golf tal-Finlandja. Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni tipproponi li ż-żewġ livelli tat-TAC jinżammu kif inhuma u li jinżammu l-miżuri ta' rimedju attwali, filwaqt li tagħmel espliċitu li t-tekniki rikreattivi ta' qbid u rilaxx ma humiex permessi minħabba li l-ICES iqis li l-mortalità ta' wara r-rilaxx hija għolja wisq biex jiġu protetti l-popolazzjonijiet dgħajfa.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96 stabbilixxa aktar kundizzjonijiet għall-ġestjoni minn sena għal sena tat-TACs, inklużi, skont l-Artikoli 3 u 4 tiegħu, dispożizzjonijiet ta' flessibbiltà għall-istokkijiet soġġetti għal TACs prekawzjonarji u analitiċi, rispettivament. L-Artikolu 2 tiegħu jistipula li meta jiffissa t-TACs, il-Kunsill irid jiddeċiedi għal liema stokkijiet ma għandhomx japplikaw l-Artikoli 3 u 4, b'mod partikolari abbażi tal-istatus bijoloġiku tal-istokkijiet. Aktar reċentement, ġie introdott il-mekkaniżmu ta' flessibbiltà għall-istokkijiet kollha koperti mill-obbligu tal-ħatt l-art skont l-Artikolu 15(9) tar-Regolament Bażiku tal-PKS. Għalhekk, sabiex tiġi evitata l-flessibbiltà eċċessiva li ddgħajfef il-prinċipju tal-isfruttament razzjonali u responsabbli tar-riżorsi bijoloġiċi ħajjin tal-baħar u tfixkel l-ilħuq tal-oġġettivi tal-PKS, għandu jiġi ċċarat li l-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 japplikaw biss meta l-Istati Membri ma jużawx il-flessibbiltà minn sena għal sena prevista fl-Artikolu 15(9) tar-Regolament Bażiku tal-PKS.

Il-Kummissjoni tipproponi wkoll li temenda r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/109 biex tistabbilixxi TAC għall-merluzz tan-Norveġja, li s-sajd għalih jibda fl-1 ta' Novembru 2022. Il-livell tat-TAC huwa mmarkat bħala "pm" (*pro memoria*) sakemm jiġi ppubblikat il-parir tal-ICES mistenni fil-bidu ta' Ottubru 2022 u sakemm isiru l-konsultazzjonijiet mar-Renju Unit.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd għall-2023 għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku, u li jemenda r-Regolament (UE) 2022/109 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd f'ibħra oħrajn

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴ jirrikjedi li jiġu adottati miżuri ta' konservazzjoni li jqisu l-pariri xjentifiċi, tekniċi u ekonomiċi disponibbli, inklużi, fejn rilevanti, rapporti mfassla mill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd u minn korpi konsultattivi oħrajn, pariri minn kunsilli konsultattivi stabbiliti għaż-żoni ġeografiċi rilevanti ta' kompetenza u rakkomandazzjonijiet konġunti magħmula mill-Istati Membri.
- (2) Il-Kunsill għandu jadotta miżuri dwar l-iffissar u l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd, inklużi ċerti kundizzjonijiet funzjonalment marbuta ma' dawn l-opportunitajiet tas-sajd, kif xieraq. Skont l-Artikolu 16(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, jenħtieġ li l-opportunitajiet tas-sajd jiġu allokati fost l-Istati Membri b'tali mod li tiġi żgurata l-istabbiltà relattiva tal-attivitàjiet tas-sajd ta' kull Stat Membru għal kull stokk jew tip ta' sajd.
- (3) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jistabbilixxi li l-oġettiv tal-Politika Komuni tas-Sajd huwa li sal-2015 tinkiseb ir-rata ta' sfruttament tar-rendiment massimu sostenibbli (MSY) fejn possibbli u, fuq bażi progressiva u inkrementali, sa mhux aktar tard mill-2020 għall-istokkijiet kollha. L-oġettiv tal-perjodu tranżizzjonali sal-2020 kien li jinkiseb bilanċ bejn il-kisba tal-MSY għall-istokkijiet kollha u l-aspetti soċjoekonomiċi possibbli tal-aġġustamenti possibbli tal-opportunitajiet tas-sajd relatati.
- (4) Għalhekk, f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, jenħtieġ li l-qabdiet totali permissibbli (TACs) jiġu stabbiliti abbażi tal-pariri xjentifiċi disponibbli, billi jitqiesu l-implikazzjonijiet bijoloġiċi u soċjoekonomiċi, filwaqt li jiġi żgurat trattament ġust bejn is-setturi tas-sajd u jitqiesu l-opinjoni espressi matul il-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati.

⁴ Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

- (5) Ir-Regolament (UE) 2016/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵ jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-merluzz, l-aringi u l-laċċ ikħal fil-Baħar Baltiku u għas-sajd li jisfrutta daww l-istokkijiet (il-“MAP”). Il-MAP għandu l-għan li jiżgura li l-isfruttament tar-riżorsi bijoloġiċi ħajjin tal-baħar jirrestawra u jżomm il-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet maqbuda 'l fuq minn livelli li jistgħu jipproduċu l-MSY. L-Artikolu 16(4) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jistabbilixxi li, għall-istokkijiet soġġetti għal pjanijiet pluriennali speċifiċi, l-opportunitajiet tas-sajd għandhom jiġu stabbiliti f'konformità mar-regoli stipulati f'dawn il-pjanijiet pluriennali.
- (6) F'konformità mal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2016/1139, l-opportunitajiet tas-sajd għall-istokkijiet elenkati fl-Artikolu 1 ta' dak ir-Regolament kellhom jiġu ffixxati biex tinkiseb il-mortalità mis-sajd b'MSY, espressa f'meded, mill-aktar fis possibbli u, fuq bażi progressiva u inkrementali, sa mhux aktar tard mill-2020. Għalhekk, jenħtieġ li l-limiti tal-qbid applikabbli fl-2023 għall-istokkijiet rilevanti fil-Baħar Baltiku jiġu stabbiliti f'konformità mal-oġġettivi tal-MAP.
- (7) Il-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) ippubblika l-parir annwali tiegħu dwar l-istokkijiet tal-Baltiku fil-31 ta' Mejju 2022, ħliet għall-parir tiegħu għall-aringa tal-Baltiku tal-Punent, li ġie ppubblikat fit-30 ta' Ġunju 2022. L-ICES jindika li l-bijomassa tal-aringa tal-Baltiku tal-Punent fis-suddiviżjonijiet minn 20 sa 24 tal-ICES żdiedet bi ftit, iżda hija biss 59 % tal-punt ta' referenza tal-limitu għall-bijomassa ta' stokk riproduttiv, li taħtu tista' titnaqqas il-kapaċità riproduttiva (B_{lim}). Barra minn hekk, ir-reklutaġġ għadu f'livelli storikament baxxi. Għalhekk, l-ICES ippubblika, għall-ħames sena konsekuttiva, parir dwar qabdiet żero għall-aringa tal-Baltiku tal-Punent. Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (UE) 2016/1139, jenħtieġ li jiġu adottati l-miżuri ta' rimedju xierqa kollha biex jiġi żgurat li l-istokk ikkonċernat jirritorna malajr għal livelli 'l fuq mil-livell li kapaċi jipproduċi l-MSY. L-Artikolu 5(2) ta' dak ir-Regolament jirrikjedi wkoll li jiġu adottati aktar miżuri ta' rimedju. Għalhekk, fl-2022, is-sajd immirat għall-aringa tal-Baltiku tal-Punent kien magħluq u ġiet stabbilita TAC baxxa ħafna għall-qabdiet aċċessorji inevitabbli tal-aringa tal-Baltiku tal-Punent biex jiġi evitat il-fenomeni ta' “speċi bi kwota limitanti”. Madankollu, l-immirar tal-aringa tal-Baltiku tal-Punent kien permess għall-operazzjonijiet tas-sajd imwettqa għall-iskop esklużiv ta' investigazzjonijiet xjentifiċi, f'konformità sħiħa mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶, u għas-sajjieda kostali fuq skala żgħira li jistadu b'ċerti rkapti passivi. Minħabba l-parir tal-ICES u s-sitwazzjoni tal-istokk li ma nbidlitx, huwa xieraq li l-livell tal-opportunitajiet tas-sajd u l-miżuri ta' rimedju funzjonalment marbuta jinżammu kif inhum.
- (8) Fir-rigward tal-istokk tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant, l-ICES seta' jibbaża l-parir ta' prekawzjoni tiegħu fuq valutazzjoni aktar rikka fid-*data* mill-2019. L-ICES jistma

⁵ Ir-Regolament (UE) 2016/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-merluzz, l-aringi u l-laċċ ikħal fil-Baħar Baltiku u s-sajd li jisfrutta daww l-istokkijiet, li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2187/2005 u li jirrevoka r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1098/2007 (ĠU L 191, 15.7.2016, p. 1).

⁶ Ir-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni ta' ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006, (KE) Nru 1224/2009 u r-Regolamenti (UE) Nru 1380/2013, (UE) 2016/1139, (UE) 2018/973, (UE) 2019/472 u (UE) 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 894/97, (KE) Nru 850/98, (KE) Nru 2549/2000, (KE) Nru 254/2002, (KE) Nru 812/2004 u (KE) Nru 2187/2005 (ĠU L 198, 25.7.2019, p. 105).

li l-bijomassa tal-istokk tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant għadha taħt B_{lim} u bilkemm żdiedet mill-2021. Għalhekk, l-ICES ippubblika, għar-raba' sena konsekuttiva, parir dwar qabdiet zero għall-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant. Mill-2019, ġew adottati miżuri stretti ta' konservazzjoni fl-Unjoni. Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (UE) 2016/1139, is-sajd immirat għall-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant ingħalaq u ġiet stabbilita TAC għall-qabdiet aċċessorji inevitabbli tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant f'livell baxx ħafna biex jiġi evitat il-fenomeni ta' "speċi bi kwota limitanti". Barra minn hekk, ġew adottati aktar miżuri ta' rimedju funzjonalment marbuta mal-opportunitajiet tas-sajd fil-forma ta' għeluq fiż-żmien riproduttiv u l-projbizzjoni tas-sajd rikreattiv fiż-żona ta' distribuzzjoni ewlenija. Minħabba l-parir tal-ICES u s-sitwazzjoni tal-istokk li ma nbidlitx, huwa xieraq li l-livell tal-opportunitajiet tas-sajd u l-miżuri ta' rimedju funzjonalment marbuta jinżammu kif inhum.

- (9) Fir-rigward tal-istokk tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Punent, l-istimi xjentifiċi indikaw għal diversi snin li l-bijomassa tal-istokk riproduttiv kienet taħt il-punt ta' referenza tal-limitu, li taħtu għandha tittieħed azzjoni ta' ġestjoni speċifika u xierqa ($B_{skattatur}$). Għalhekk, f'dawn l-aħħar snin ġew adottati miżuri ta' ġestjoni dejjem aktar stretti. Fl-2021, l-ICES iddeċieda li jwettagħ valutazzjoni aktar fil-fond, li żvelat li, għal aktar minn 10 snin, il-bijomassa tal-istokk tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Punent fil-fatt kienet fil-biċċa l-kbira taħt B_{lim} . Għalhekk, skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (UE) 2016/1139, is-sajd immirat għall-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Punent ingħalaq u ġiet stabbilita TAC baxxa ħafna għall-qabdiet aċċessorji inevitabbli tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Punent biex jiġi evitat il-fenomeni ta' "speċi bi kwota limitanti". Barra minn hekk, ġew adottati aktar miżuri ta' rimedju funzjonalment relatati mal-opportunitajiet tas-sajd fil-forma ta' għeluq fiż-żmien riproduttiv estiż, li jkopri wkoll is-sajd rikreattiv, u t-tnaqqis ulterjuri tal-limitu tal-qabda ta' kuljum fis-sajd rikreattiv. Din is-sena, l-ICES irreveda l-bijomassa tal-istokk 'l isfel u, minkejja żieda żgħira matul is-sena li għaddiet, il-bijomassa hija stmata li hija inqas minn 40 % ta' B_{lim} . Minħabba l-istimi ta' reklutaġġ kemxejn miżjuda u l-fatturi ta' mortalità addizzjonali mhux ċari, li l-ICES bħalissa ma jistax jinkludi fil-mudell ta' valutazzjoni tiegħu, il-parir għall-mortalità mis-sajd li tirriżulta f' MSY (F_{MSY}) huwa li jiżdedu l-qabdiet totali. Madankollu, l-ICES jenfasizza li t-tbassir tiegħu għal perjodu qasir huwa inċert ħafna u li, minħabba l-mortalità addizzjonali mhux ċara, x'aktarx li jkun hemm probabbiltà ta' 66 % li l-bijomassa tal-istokk tibqa' taħt B_{lim} fl-2024 jekk l-opportunitajiet tas-sajd jiġu stabbiliti fil-valur tal-punt tal- F_{MSY} . Barra minn hekk, bħal fl-2021, l-ICES ma jistax jipprovdi parir separat għall-qabdiet kummerċjali u rikreattivi. Minħabba s-sitwazzjoni tal-istokk li qed jonqos u l-inċertezza dwar il-parir għall-qabdiet fil-valur tal-punt tal- F_{MSY} , huwa xieraq li jittieħed approċċ ta' prekawzjoni u li l-livell tal-opportunitajiet tas-sajd u l-miżuri ta' rimedju funzjonalment marbuta jinżammu kif inhum.
- (10) Fl-2020, l-ICES għamel stima li l-bijomassa tal-aringa tal-Baltiku Ċentrali kienet naqset taħt $B_{skattatur}$ u li fl-2021 kienet qorbot lejn B_{lim} . Din is-sena, l-ICES qed jistma li l-bijomassa żdiedet, iżda xorta għadha taħt $B_{skattatur}$. L-istokk jiddependi fuq il-klassi tas-sena 2019 biss, u l-istima tas-saħħa tiegħu varjat sostanzjalment mill-2020. Għalhekk, huwa xieraq li l-opportunitajiet tas-sajd jiġu stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) 2016/1139.
- (11) Il-bijomassa tal-aringa fil-Golf ta' Bothnia ilha tonqos kontinwament mill-2010. Fl-2019, l-ICES iddeċieda li jipprovdi parir ibbażat fuq l-approċċ żviluppat għall-istokkijiet b'*data* limitata, minħabba preġudizzju retrospettiv qawwi fil-valutazzjoni tal-istokk. Wara analiżi fil-fond, l-ICES reġa' seta' jipprovdi parir dwar l- MSY fl-

2021. Il-parir aġġornat għall-2021 kien li l-opportunitajiet tas-sajd għall-2021 jiżdiedu sostanzjalment, abbażi tal-istima li l-bijomassa fl-aħħar mill-aħħar bdiet tiżdied. Il-parir tal-ICES għall-2022 kien li l-opportunitajiet tas-sajd jitnaqqsu bi ftit. Madankollu, fil-parir għall-2023, l-ICES irreveda l-bijomassa tal-istokk b'mod sinifikanti 'l isfel. Skont l-ICES, din il-bijomassa iżgħar x'aktarx li hija dovuta għattnaqqis kontinwu tad-daqs tal-aringi. L-ICES jistma li l-bijomassa tal-istokk issa hija ftit oġġla minn $B_{skattatur}$. L-uniku xenarju tal-qabdiet irrakkomandat mill-ICES li jżomm l-istokk 'il fuq minn $B_{skattatur}$ fl-2024 huwa l-aktar punt baxx tal-medda tal- F_{MSY} . Minħabba l-iżvilupp negattiv tal-istokk u biex jiġi evitat li l-istokk jaqa' taħt $B_{skattatur}$, huwa xieraq li l-opportunitajiet tas-sajd jiġu stabbiliti fl-aktar punt baxx tal- F_{MSY} .

- (12) Skont il-parir tal-ICES dwar il-barbun tat-tbajja', il-bakkaljaw jinqabad inċidentalment fis-sajd għall-barbun tat-tbajja'. Skont il-parir tal-ICES dwar il-laċè ikħal, il-laċè ikħal jinqabad f'sajd imħallat mal-aringa u huwa speċi ta' priża għall-bakkaljaw. Huwa xieraq li jitqiesu dawn l-interazzjonijiet bejn diversi speċijiet u li l-opportunitajiet tas-sajd għall-barbun tat-tbajja' u għal-laċè ikħal jiġu stabbiliti rispettivament fil-medda inferjuri tal- F_{MSY} .
- (13) Fir-rigward tas-salamun fis-suddiviżjonijiet minn 22 sa 31 tal-ICES, l-ICES iddikjara għal diversi snin li l-istatus tal-istokkijiet tax-xmajjar kien eteroġenu ħafna. Fl-2021, wara analiżi fil-fond, l-ICES irrakkomanda li l-qabdiet kummerċjali u rikreattivi kollha fil-baċir ewlieni, li huma tipi ta' sajd intrinsikament imħalltin li jaqdbu s-salamun minn stokkijiet b'saħħithom u dgħajfa tax-xmajjar, jenħtieġ li jitwaqqfu biex jiġu protetti l-istokkijiet dgħajfa tax-xmajjar. Madankollu, l-ICES ikkunsidra li s-sajd immirat eżistenti fiż-żoni kostali tal-Golf ta' Bothnia u tal-Baħar Åland jista' jkompli matul il-migrazzjoni tas-salamun fis-sajf. Għalhekk, ġiet stabbilita TAC speċifika għall-qabdiet aċċessorji tas-salamun f'dawn iż-żoni, bl-eżenzjoni ta': (i) l-operazzjonijiet tas-sajd imwettqa għall-iskop esklużiv ta' investigazzjonijiet xjentifiċi, f'konformità sħiħa mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2019/1241; u (ii) s-sajd kostali fit-Tramuntana tal-latitudni 59°30'N bejn l-1 ta' Mejju u l-31 ta' Awwissu. Ġew adottati wkoll aktar miżuri ta' rimedju funzjonalment marbuta mal-opportunitajiet tas-sajd, fil-forma ta' restrizzjonijiet għall-użu tal-konzijiet u limitu tal-qabda ta' kuljum fis-sajd rikreattiv. Fl-2022, l-ICES issokta bil-parir tiegħu mill-2021. Għalhekk, huwa xieraq li l-livell ta' opportunitajiet tas-sajd u l-miżuri ta' rimedju funzjonalment marbuta jinżammu kif inhuma, filwaqt li jiġi ċċarat li t-tekniki rikreattivi ta' qbid u rilaxx ma humiex permessi.
- (14) Sabiex jiġi żgurat l-użu sħiħ tal-opportunitajiet tas-sajd kostali, fl-2019 ġiet introdotta flessibbiltà limitata bejn iż-żoni għas-salamun bejn is-suddiviżjonijiet minn 22 sa 31 tal-ICES u s-suddiviżjoni 32 tal-ICES. Minħabba l-opportunitajiet tas-sajd mhux mibdula għal dawn iż-żewġ stokkijiet, huwa xieraq li tinżamm il-flessibbiltà attwali.
- (15) Il-projbizzjoni tas-sajd għat-trota tal-baħar lil hinn minn erba' mili nawtiċi mkejla mil-linji bażi u l-limitazzjoni tal-qabdiet aċċessorji tat-trota tal-baħar għal 3 % tal-qabda kkombinata tat-trota tal-baħar u tas-salamun kellhom sehem kbir fittnaqqis sostanzjali tar-rapportar ħażin preċedentement sinifikanti tal-qabdiet fis-sajd għas-salamun, b'mod partikolari bħala qabdiet tat-trota tal-baħar. Għalhekk, huwa xieraq li tinżamm id-dispożizzjoni rilevanti biex jinżamm livell baxx ta' rapportar ħażin.
- (16) Il-miżuri dwar is-sajd rikreattiv tal-bakkaljaw u tas-salamun, u l-miżuri għall-konservazzjoni tal-istokkijiet tat-trota tal-baħar u tas-salamun jenħtieġ li jkunu

mingħajr preġudizzju għal miżuri nazzjonali aktar stretti skont l-Artikoli 19 u 20 tar-Regolament (UE) 1380/2013.

- (17) L-użu tal-opportunitajiet tas-sajd stabbiliti f'dan ir-Regolament huwa soġġett għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009⁷, u b'mod partikolari l-Artikoli 33 u 34 tiegħu dwar ir-reġistrazzjoni tal-qabdiet u l-isforz tas-sajd, u t-trażmissjoni tad-*data* dwar l-eżawriment tal-opportunitajiet tas-sajd lill-Kummissjoni, rispettivament. Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament jispeċifika l-kodiċijiet relatati mal-*ħatt* l-art tal-istokkijiet soġġetti għal dan ir-Regolament li għandhom jużaw l-Istati Membri meta jibagħtu d-*data* lill-Kummissjoni.
- (18) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96⁸ stabbilixxa kundizzjonijiet addizzjonali għall-ġestjoni minn sena għal sena tat-TACs, inklużi, skont l-Artikoli 3 u 4 tiegħu, dispożizzjonijiet ta' flessibbiltà għall-istokkijiet soġġetti għal TACs prekawżjonarji u analitiċi, rispettivament. L-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 jistipula li, meta jiffissa t-TACs, il-Kunsill għandu jiddeċiedi għal liema stokkijiet ma jenħtieġ li japplikaw l-Artikoli 3 u 4, b'mod partikolari abbażi tal-istatus bijoloġiku tal-istokkijiet. Aktar reċentement, l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 introduċa l-mekkaniżmu ta' flessibbiltà minn sena għal sena għall-istokkijiet kollha li huma soġġetti għall-obbligu ta' *ħatt* l-art. Għalhekk, sabiex tiġi evitata flessibbiltà eċċessiva li ddgħajef il-prinċipju ta' sfruttament razzjonali u responsabbli tar-riżorsi bijoloġiċi ħajjin tal-baħar, li tfixxkel l-ilħuq tal-oġġettivi tal-Politika Komuni tas-Sajd u li tikkawża d-deterjorament tal-istatus bijoloġiku tal-istokkijiet, jenħtieġ li jiġi stabbilit b'mod espliċitu li l-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 japplikaw biss għat-TACs analitiċi meta ma tintużax il-flessibbiltà minn sena għal sena prevista fl-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.
- (19) Il-bijomassa tal-istokk tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant, tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Punent u tal-aringa tal-Baltiku tal-Punent hija taħt B_{lim} u fl-2023 huma permessi biss il-qabdiet aċċessorji, is-sajd xjentifiku u, għall-aringa tal-Baltiku tal-Punent, ċertu sajd kostali fuq skala żgħira. Għalhekk, l-Istati Membri li għandhom sehem mill-kwota tat-TAC rilevanti impenjaw ruħhom li ma japplikawx il-flessibbiltà minn sena għal sena prevista fl-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għal dawn l-istokkijiet fl-2023, sabiex il-qabdiet fl-2023 ma jaqbżux it-TAC stabbilita għall-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant, għall-aringa tal-Baltiku tal-Punent u għall-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Punent. Barra minn hekk, fin-Nofsinhar tal-latitudni 59°30'N, il-bijomassa ta' kważi l-istokkijiet kollha tax-xmajjar tas-salamun hija taħt il-punt ta' referenza tal-limitu għall-produzzjoni tas-salamun żgħir (R_{lim}) u fl-2023 huma permessi biss il-qabdiet aċċessorji u s-sajd xjentifiku. Għalhekk, l-Istati Membri rilevanti għamlu impenn simili fuq il-flessibbiltà minn sena għal sena relatata mal-qabdiet tas-salamun tal-baċir ewlieni fl-2023.

⁷ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1).

⁸ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96 tas-6 ta' Mejju 1996 li jintroduċi kondizzjonijiet addizzjonali għal tmexxija minn sena għal sena tat-TAC u tal-kwoti (ĠU L 115, 9.5.1996, p. 3).

- (20) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/109⁹ jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-merluzz tan-Norveġja sal-31 ta' Ottubru 2022 fid-diviżjoni 3a tal-ICES, fl-ibħra tar-Renju Unit u tal-Unjoni tas-subżona 4, u fl-ibħra tar-Renju Unit ta' 2a. Il-perjodu tas-sajd għall-merluzz tan-Norveġja huwa mill-1 ta' Novembru sal-31 ta' Ottubru. Sabiex ikun jista' jibda s-sajd fl-1 ta' Novembru 2022, u abbażi ta' parir xjentifiku ġdid u wara konsultazzjonijiet mar-Renju Unit, huwa meħtieġ li tiġi stabbilita TAC preliminari għall-merluzz tan-Norveġja fid-diviżjoni 3a tal-ICES, fl-ibħra tar-Renju Unit u tal-Unjoni tas-subżona 4, u fl-ibħra tar-Renju Unit tad-diviżjoni 2a tal-ICES mill-1 ta' Novembru 2022 sal-31 ta' Diċembru 2022. Jenħtieġ li din it-TAC preliminari tiġi stabbilita f'konformità mal-parir tal-ICES ippubblikat fis-[7 ta' Ottubru 2022]. Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2022/109 jiġi emendat kif xieraq.
- (21) Sabiex tiġi evitata l-interruzzjoni tal-attivitajiet tas-sajd, jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament relatati mal-Baħar Baltiku japplikaw mill-1 ta' Jannar 2023. Il-limiti tal-qbid previsti fir-Regolament (UE) 2022/109 japplikaw mill-1 ta' Jannar 2022. Madankollu, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika għall-merluzz tan-Norveġja fid-diviżjoni 3a tal-ICES, fl-ibħra tar-Renju Unit u tal-Unjoni tas-subżona 4 tal-ICES, u fl-ibħra tar-Renju Unit tad-diviżjoni 2a tal-ICES mill-1 ta' Novembru 2022 sal-31 ta' Ottubru 2023, hekk kif dan huwa l-istaġun tas-sajd għall-merluzz tan-Norveġja. Għal raġunijiet ta' urġenza fid-dawl tal-ħtieġa li jitkomplew l-attivitajiet tas-sajd sostenibbli u li jinbeda s-sajd rilevanti fil-ħin għall-ftuħ tal-istaġuni tas-sajd, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ immedjatament wara l-pubblikazzjoni tiegħu,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut fil-Baħar Baltiku għall-2023 u jemenda ċerti opportunitajiet tas-sajd f'ibħra oħrajn stabbiliti bir-Regolament (UE) 2022/109.

Artikolu 2

Kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament japplika għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li joperaw fil-Baħar Baltiku.

⁹ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/109 tas-27 ta' Jannar 2022 li jistabbilixxi għall-2022 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni (ĠU L 21, 31.1.2022, p. 1)

2. Huwa japplika wkoll għas-sajd rikreattiv meta dan jissema b'mod espliċitu fid-dispożizzjonijiet rilevanti.

Artikolu 3

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

Barra minn hekk, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) “suddiviżjoni” tfisser suddiviżjoni tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) tal-Baħar Baltiku kif definita fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 218/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁰;
- (2) “qabda totali permissibbli” (‘total allowable catch’ - TAC) tfisser il-kwantità ta' kull stokk li tista' tinqabad matul il-perjodu ta' sena;
- (3) “kwota” tfisser proporzjon tat-TAC allokat lill-Unjoni, lil Stat Membru jew lil pajjiż terz;
- (4) “sajd rikreattiv” tfisser attivitajiet tas-sajd mhux kummerċjali li jisfruttaw ir-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar, bħal għar-rikreazzjoni, għat-turiżmu jew għall-isport.

KAPITOLU II

OPPORTUNITAJIET TAS-SAJD

Artikolu 4

TACs u allokazżjonijiet

It-TACs, il-kwoti u l-kundizzjonijiet funzjonalment relatati ma' dawn, fejn xieraq, huma stabbiliti fl-Anness.

Artikolu 5

Dispożizzjonijiet speċjali dwar l-allokazżjoni tal-opportunitajiet tas-sajd

L-allokazżjoni tal-opportunitajiet tas-sajd fost l-Istati Membri, kif stabbilit f'dan ir-Regolament, għandha tkun mingħajr preġudizzju għal:

- (a) l-iskambji li jsiru skont l-Artikolu 16(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;
- (b) it-tnaqqis u r-riallokazżjonijiet li jsiru skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009;
- (c) ħatt l-art addizzjonali permess skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 jew skont l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;

¹⁰ Ir-Regolament (KE) Nru 218/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar il-preżentazzjoni ta' statistiċi ta' qbid nominali mill-Istati Membri li jistadu fil-Grigal tal-Atlantiku (Tfassil mill-ġdid) (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 70).

- (d) il-kwantitajiet miżmuma f'konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 jew ittrasferiti skont l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;
- (e) it-tnaqqis li jsir skont l-Artikoli 105 u 107 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

Artikolu 6

Il-kundizzjonijiet għall-ħatt l-art ta' qabdiet u ta' qabdiet aċċessorji

L-istokkijiet ta' speċijiet mhux fil-mira fil-limiti bijoloġiċi sikuri msemija fl-Artikolu 15(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, li jikkwalifikaw għad-deroga mill-obbligu li l-qabdiet jingħaddu mal-kwota rilevanti, huma identifikati fit-tabelli tat-TAC rilevanti fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 7

Għeluq għall-protezzjoni tar-riproduzzjoni tal-bakkaljaw

1. Għandu jiġi pprojbit is-sajd bi kwalunkwe tip ta' rkaptu tas-sajd fis-suddiviżjonijiet 25 u 26 mill-1 ta' Mejju sal-31 ta' Awwissu.
2. B'deroga mill-paragrafu 1, dik il-projbizzjoni ma għandhiex tapplika fil-każijiet li ġejjin:
 - (a) għal operazzjonijiet tas-sajd imwettqa għall-iskop esklużiv ta' investigazzjonijiet xjentifiċi, sakemm dawn l-investigazzjonijiet jitwettqu f'konformità sħiħa mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2019/1241;
 - (b) għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni b'tul kumplessiv ta' inqas minn 12-il metru li jistadu bl-għeżula, bix-xbieki tat-tħabbil jew bil-pariti, bil-konzijiet tal-qiegħ, bil-konzijiet, bil-konzijiet tal-wiċċ, bix-xlief u bl-irkaptu tat-trejix jew b'irkaptu passiv simili f'żoni fejn il-fond tal-ilma jkun inqas minn 20 metru skont il-koordinati fuq il-mappa nawtika uffiċjali li tinħareġ mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti;
 - (c) għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jistadu fis-suddiviżjoni 25 għal stokkijiet pelaġiċi għall-konsum dirett mill-bniedem, bl-użu ta' rkapti b'daqs tal-malja ta' 45 mm jew inqas, f'żoni fejn il-fond tal-ilma jkun inqas minn 50 metru skont il-koordinati fuq il-mappa nawtika uffiċjali li tinħareġ mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, u li l-ħatt l-art tagħhom jiġi magħżul.
3. Għandu jiġi pprojbit is-sajd bi kwalunkwe tip ta' rkaptu tas-sajd fis-suddiviżjonijiet 22 u 23 mill-15 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu u fis-suddiviżjoni 24 mill-15 ta' Mejju sal-15 ta' Awwissu.
4. B'deroga mill-paragrafu 3, dik il-projbizzjoni ma għandhiex tapplika fil-każijiet li ġejjin:
 - (a) għal operazzjonijiet tas-sajd imwettqa għall-iskop esklużiv ta' investigazzjonijiet xjentifiċi, sakemm dawn l-investigazzjonijiet jitwettqu f'konformità sħiħa mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2019/1241;

- (b) għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni b'tul kumplessiv ta' inqas minn 12-il metru li jistadu bl-għeżula, bix-xbieki tat-tħabbil jew bil-pariti, bil-konzijiet tal-qiegħ, bil-konzijiet, bil-konzijiet tal-wiċċ, bix-xlief u bl-irkaptu tat-trejjix jew b'irkaptu passiv simili f'żoni fejn il-fond tal-ilma jkun inqas minn 20 metru skont il-koordinati fuq il-mappa nawtika uffiċjali li tinħareġ mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti;
 - (c) għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jistadu fis-suddiviżjoni 24 għal stokkijiet pelaġiċi għall-konsum dirett mill-bniedem, bl-użu ta' rkapti b'daqs tal-malja ta' 45 mm jew inqas, f'żoni fejn il-fond tal-ilma jkun inqas minn 40 metru skont il-koordinati fuq il-mappa nawtika uffiċjali li tinħareġ mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, u li l-ħatt l-art tagħhom jiġi magħżul;
 - (d) għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jistadu bil-gangmi għall-molluski bivalvi fis-suddiviżjoni 22, f'żoni fejn il-fond tal-ilma jkun inqas minn 20 metru skont il-koordinati fuq il-mappa nawtika uffiċjali li tinħareġ mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.
5. Il-kaptani tal-bastimenti tas-sajd, kif imsemmija fil-punt (b) jew (ċ) tal-paragrafu 2 u fil-punt (b), (ċ) jew (d) tal-paragrafu 4, għandhom jiżguraw li l-attività tas-sajd tagħhom tkun tista' tiġi mmonitorjata fi kwalunkwe ħin mill-awtoritajiet ta' kontroll tal-Istat Membru kompetenti.

Artikolu 8

Miżuri dwar is-sajd rikreattiv tal-bakkaljaw fis-suddiviżjonijiet minn 22 sa 26

1. Fis-sajd rikreattiv, jista' jinżamm mhux aktar minn kampjun wieħed ta' bakkaljaw għal kull sajjied kuljum fis-suddiviżjonijiet 22 u 23 u fis-suddiviżjoni 24 sa sitt mili nawtiċi mkejla mil-linji bażi. Madankollu, mill-15 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu, is-sajd rikreattiv tal-bakkaljaw għandu jkun ipprojbit f'dawn iż-żoni.
2. Is-sajd rikreattiv tal-bakkaljaw għandu jkun ipprojbit fis-suddiviżjoni 24 lil hinn mis-sitt mili nawtiċi mkejla mil-linji bażi, u fis-suddiviżjonijiet 25 u 26.
3. Dan l-Artikolu huwa mingħajr preġudizzju għal miżuri nazzjonali aktar stretti skont l-Artikoli 19 u 20 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

Artikolu 9

Miżuri dwar is-sajd rikreattiv tas-salamun fis-suddiviżjonijiet minn 22 sa 31

1. Is-sajd rikreattiv tas-salamun, inkluż is-sajd ta' qbid u rilaxx tas-salamun, għandu jkun ipprojbit fis-suddiviżjonijiet minn 22 sa 31. Kwalunkwe kampjun ta' salamun li jinqabad b'mod aċċidentali għandu jiġi rilaxxat lura fil-baħar minnufih.
2. B'deroga mill-paragrafu 1, is-sajd rikreattiv tas-salamun għandu jkun permess taħt il-kundizzjonijiet kumulattivi li ġejjin:
 - (a) ma jistax jinqabad u jinżamm aktar minn kampjun wieħed ta' salamun bil-pinen maqtugħin għal kull sajjied kuljum;
 - (b) il-kampjuni kollha ta' kull speċi ta' ħut miżmuma għandhom jinħattu l-art sħaħ.

3. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, is-sajd rikreattiv tas-salamun fit-Tramuntana tal-latitude 59°30'N għandu jkun permess mill-1 ta' Mejju sal-31 ta' Awwissu f'żoni sa erba' mili nawtiċi mkejla mil-linji bażi.
4. Dan l-Artikolu huwa mingħajr preġudizzju għal miżuri nazzjonali aktar stretti skont l-Artikoli 19 u 20 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

Artikolu 10

Miżuri għall-konservazzjoni tal-istokkijiet tat-trota tal-baħar u tas-salamun fis-suddiviżjonijiet minn 22 sa 32

1. Għandu jkun ipprojbit li l-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni jistadu għat-trota tal-baħar lil hinn minn erba' mili nawtiċi mkejla mil-linji bażi fis-suddiviżjonijiet minn 22 sa 32 mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2023. Meta jsir is-sajd għas-salamun lil hinn minn erba' mili nawtiċi mkejla mil-linji bażi fis-suddiviżjoni 32, il-qabdiet aċċessorji tat-trota tal-baħar ma għandhomx jaqbu t-3 % tal-qabda totali tas-salamun u tat-trota tal-baħar abbord fi kwalunkwe mument jew meta jinħattu l-art wara kull vjaġġ tas-sajd.
2. Is-sajd bil-konzijiet lil hinn minn erba' mili nawtiċi mkejla mil-linji bażi fis-suddiviżjonijiet minn 22 sa 31 għandu jkun ipprojbit.
3. Dan l-Artikolu huwa mingħajr preġudizzju għal miżuri nazzjonali aktar stretti skont l-Artikoli 19 u 20 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

Artikolu 11

Flessibbiltà

1. Ħlief fejn jiġi speċifikat mod ieħor fl-Anness ta' dan ir-Regolament, l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 għandu japplika għall-istokkijiet soġġetti għal TACs prekawzjonarji u l-Artikolu 3(2) u (3) u l-Artikolu 4 ta' dak ir-Regolament għandhom japplikaw għall-istokkijiet soġġetti għal TAC analitika.
2. L-Artikolu 3(2) u (3) u l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandhomx japplikaw meta Stat Membru juża l-flessibbiltà minn sena għal sena prevista fl-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

Artikolu 12

Trażmissjoni tad-data

Meta l-Istati Membri jibagħtu *data* relatata mal-kwantitajiet ta' stokkijiet maqbuda jew li jinħattu l-art lill-Kummissjoni skont l-Artikoli 33 u 34 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, huma għandhom jużaw il-kodiċijiet tal-istokkijiet stabbiliti fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

KAPITOLU III

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 13

Emenda għar-Regolament (UE) 2022/109

Fil-Parti B tal-Anness IA tar-Regolament (UE) 2022/109, it-tabella dwar l-opportunitajiet tas-sajd għall-merluzz tan-Norveġja u l-qabdiet aċċessorji assoċjati fid-diviżjoni 3a tal-ICES, l-ibħra tar-Renju Unit u tal-Unjoni tas-subżona 4 tal-ICES u l-ibħra tar-Renju Unit tad-diviżjoni 2a tal-ICES għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

“

Speċi:	Merluzz tan-Norveġja u qabdiet aċċessorji assoċjati <i>Trisopterus esmarkii</i>				Żona:	3a; l-ibħra tar-Renju Unit u tal-Unjoni tas-subżona 4; l-ibħra tar-Renju Unit ta' 2a (NOP/2A3A4.)
Sena	2022			2023		
Id-Danimarka	49 478	(1)(3)	<i>pro memoria (pm)</i>	(1)(6)		TAC analitika L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika
Il-Ġermanja	9	(1)(2)(3)		pm	(1)(2)(6)	L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika
In-Netherlands	36	(1)(2)(3)		pm	(1)(2)(6)	
L-Unjoni	49 524	(1)(3)		pm	(1)(6)	
Ir-Renju Unit	10 204			pm		
In-Norveġja	0	(4)		pm	(4)	
Il-Gżejjer Faeroe	0	(5)		pm	(5)	
TAC	59 728					

- (1) Sa 5 % tal-kwota tista' tikkonsisti f'qabdiet aċċessorji ta' merluzz tal-linja sewda u ta' merlangu (OT2/*2A3A4). Flimkien, il-qabdiet aċċessorji tal-merluzz tal-linja sewda u tal-merlangu li jingħaddu mal-kwota skont din id-dispożizzjoni u l-qabdiet aċċessorji ta' dawg l-ispeċijiet li jingħaddu mal-kwota skont l-Artikolu 15(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 ma għandhomx jaqbuż d-9 % tal-kwota.
- (2) Il-kwota tista' tiġi mistada biss fl-ibħra tar-Renju Unit u tal-Unjoni taż-żoni 2a, 3a u 4 tal-ICES.
- (3) Tista' tingħad biss mill-1 ta' Novembru 2021 sal-31 ta' Ottubru 2022.
- (4) Għandu jintuża għarbiel.
- (5) Għandu jintuża għarbiel. Tinkludi massimu ta' 15 % tal-qabdiet aċċessorji inevitabbli (NOP/*2A3A4), li għandhom jingħaddu ma' din il-kwota.
- (6) Tista' tingħad biss mill-1 ta' Novembru 2022 sal-31 ta' Diċembru 2022.

”

Artikolu 14

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2023.

Madankollu, l-Artikolu 13 għandu japplika mill-1 ta' Novembru 2022 sal-31 ta' Ottubru 2023.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President